MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Numru. 26/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Emidio Xerri**

Numru 26/2014

Illum 17 ta' Gunju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emidio Xerri**, ta' hamsin (50) sena, iben Amante u Theresa neé Buhagiar,

imwieled Rabat, Ghawdex, fit-3 ta' Gunju 1964, u residenti 'Amadeos', Triq George McAdam, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 21864(G), akkuzat talli nhar id-29 ta' Jannar 2014, ghall-habta ta' 1.50 ta' wara nofsinhar u fil-granent ta' qabel, waqt li kien jinsab f'Ghawdex:

1. sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika u b'hekk xjentement ghamel dikjarrazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal licenzija ta' triq bir-registrazzjoni KAJ 745 fuq vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' identifikazzjoni SFABXXBAFBPE10612, meta l-licenzja ta' triq ta' din l-istess vettura hija LCH 162;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-skrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprovaw u cioé licenzija ta' triq li taqra KAJ 745;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorita' dwar it-Transport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi gewwa l-gzejjer Maltin fi bnadi differenti saq vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni LCH 162, tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' identifikazzjoni SFABXXBAFBPE10612 minghajr ma'

kien kopert b'licenzija ta' sewqan kurrenti mahruga mid-direttur tal-awtorita' kompetenti;

5. fl-istess data, hin u cirkustanzi gewwa l-gzejjer Maltin fi bnadi differenti saq vettura bil-mutur tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' identifikazzjoni SFABXXBAFBPE10612 li kellha mwahhlin maghha numri tar-registrazzjoni KAJ 745 minflok in-numri tar-registrazzjoni LCH 162, minghajr ma' kien kopert bil-polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni, f'kaz ta' htija, talbet li l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja ta' sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, il-fedina penali (Dok. "B") tal-imputat, u l-ammissjoni bikrija tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 183 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 44(5) tal-Avviz Legali 198/2009, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Emidio Xerri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u:

- fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

  Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

- fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' elfejn u erba' mitt Euro (€ 2400.00) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------